MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 14/2006/1

**John Curmi (ID 206047M)**

**vs**

**Direttur tal-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikors ta’ John Curmi li jghid hekk

Illi l-esponenti huwa propjetarju tal-fond numru 36, Triq l-Irlandizi Bormla.

Illi l-esponent gie notifikat permezz ta’ att gudizzjarju datat tlieta (3) ta’ Lulju 2006 b’referneza ghall-Avviz tal-Gvern numru 255 ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta’ l-ghaxra (10) ta’ Marzu 2005 ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 36 Triq l-Irlandizi Bormla.

Illi l-Gvern ser jiehu permezz ta’ espropriazzjoni dan il-fond.

Illi ghall-imsemmi fond, l-awtorita kompetenti qeghda toffri kumpens ta’ elfejn lira Maltin (Lm2000) skond l-ittra ufficjali datata 3 ta’ Lulju 2006.

Illi minghjar pregudizzju ghas-suespost, l-imsemmi fond kien gie valutat fis-sena 2000 mill-Perit Arkitett mibghut mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-finijiet ta’ Taxxa fuq is-Successjoni, fl-ammont ta’ erbat elef lira Maltin (Lm4,000) kif muri fl-anness dokumenti immarkat TI 1.

Illi permezz tal-prezenti r-rikorrenti qieghed jipprevalixxi ruhu mill-21 gurnata sabiex jikkontesta l-ammont tal-kumpens offrut fl-Avviz numru 255.

Illi l-kumpens indikat mhux gust u ekwu fic-cirkostanzi stante illi l-Perit Arkitett Etienne Magri stima l-valur tal-proprjeta fl-ammont tat-tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000) kif muri mid-dokument immarkat Dok EM 1 wara li ha in konsiderazzjoni l-lokazzjoni u l-prezz tas-suq fic-cirkonstanzi prezenti skond il-Kapitlu 88 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant l-esponenti qieghed jitlob umilment lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jiffissa l-kumpens xieraq dovut bhala kumpens ghax-xiri assolut oltre l-imghax legali mid-data tal-esproprijazzjoni a tenur tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll jekk ikun hemm bzonn ghall-hatra ta’ periti noinandi.

Ra wkoll ir-risposta tad-Direttur tal-Artijiet li jghid hekk:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 24 ta’ Lulju 2006 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrent oggezzjona ghall-valur offrut lilu mill-awtorita’ kompetenti ta’ elfejn lira Maltin

(Lm2,000) ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 36 Triq l-Irlandizi, Bormla liema fond gie espproprijat permezz tal-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta’ Marzu 2005 u qieghed jippretendi illi l-kumpens gust ghandu jkun dak ta’ tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000)

Illi l-esponent qieghed jibqa jsostni illi l-valur gust tal-fond dak imsemmi huwa dak ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) hekk kif ser jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza.

Illi l-esponenti jixtieq jigbed l-attaenzjoni lil dan l-Onorabbli Bord illi jekk hemm xi imghaxijiet dovuti dawn ser jinghataw skond u taht dawk id-disposizzjonijiet tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) bhala l-kumpens gust ghall-espropriazzjoni tal-fond fuq imsemmi.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi l-Bord kien assistit f’din il-materja mill-perit arkitett Joseph Mizzi u l-perit arkitett David Pace u li dawn ghamlu relazzjoni kongunta li hija annessa bhala parti integrali minn din is-sentenza. Illi fil-paragrafu konklussiv tar-relazzjoni taghhom il-periti membri tal-Bord qalu b’mod unanimu hekk:

“... bhala rizultat huma tal-opinjoni illi il-proprjeta’ in kwistjoni ghandha tigi stmata bhala proprjeta fabbrikabbli u li l-valur tal-istess proprjeta kif deskritta fid-dokumenti esibiti, ghandu jigi iffissat fis-somma ta’ ghaxar t’elef lira maltin (Lm10,000) jigifieri tlieta w ghoxrin elf mitejn tlieta w disghin ewro w tlieta u sebghin ewrocentezmu (E 23,293.73)”

Ghalhekk il-Bord, in vista tal-valur unanimu da parti tal-membri teknici, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u qed jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilu ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond 36, Triq l-Irlandizi, Bormla, fl-ammont ta' tlieta w ghoxrin elf mitejn tlieta w disghin ewro w tlieta u sebghin ewro centezmu (E 23,293.73 oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------